Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 26 ta' Frar 2019**
**(OR. en)**

**6888/19**

**SOC 167**
**EMPL 129**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Nru. dok. preċ.: | 9785/18 |
| Suġġett: | Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema<br>Ħatra tas-Sa Rita ANTÓNI, membru għall-Ungerija, minflok is-Sa Eszter ENYEDI, li rriżenjat |

1. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ġie infurmat bir-riżenja tas-Sa Eszter ENYEDI bħala membru tal-Kumitat imsemmi hawn fuq fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvernijiet (għall-Ungerija).

2. Skont l-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni, il-membri u l-membri supplenti jinħatru mill-Kunsill.

3. F'konformità mal-proċedura tas-soltu, il-Gvern tal-Ungerija nnomina lill-kandidat li ġej għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fl-24 ta' Settembru 2020[1]:

Is-Sa Rita ANTÓNI
Ministry of Finance
József nádor tér 2-4
HU-1051 Budapest
Tel: + 36 1 795 4781
*posta elettronika: rita.antoni@pm.gov.hu*

4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mitlub jagħti parir lill-Kunsill biex:

(a) jadotta, bħala punt "A", id-Deċiżjoni tal-Kunsill mehmuża li tissostitwixxi membru tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema, u

(b) jordna l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni, għall-informazzjoni, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

[1] ĠU C 366, 10.10.2018, p. 4.

**ANNESS**

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta'

li tissostitwixxi membru

tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni[2], u b'mod partikolari l-Artikoli 23 u 24 tiegħu.

Billi:

(1) Fid-Deċiżjonijiet tiegħu tat-28 ta' Settembru 2018[3], tal-15 ta' Ottubru 2018[4], tad-19 ta' Novembru 2018[5] u tat-18 ta' Frar 2019[6], il-Kunsill ħatar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema għall-perijodu li jintemm fl-24 ta' Settembru 2020.

(2) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sa Eszter ENYEDI, sar vakanti siġġu ta' membru fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvernijiet.

(3) Il-Gvern tal-Ungerija ppreżenta nomina għas-siġġu vakanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

[2] ĠU L 141, 27.5.2011, p. 1.
[3] ĠU C 366, 10.10.2018, p. 4.
[4] ĠU C 376, 18.10.2018, p. 9.
[5] ĠU C 421, 21.11.2018, p. 7.
[6] ĠU C 67, 20.2.2019, p. 2.

Artikolu 1

Is-Sa Rita ANTÓNI hija b'dan maħtura membru tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema minflok is-Sa Eszter ENYEDI għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fl-
24 ta' Settembru 2020.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi

Għall-Kunsill
Il-President